MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 502/2002

**Il-Pulizija**
**(Spett. Chris Galea Scannura)**

**Vs**

**Reno Meli**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra:

L-imputat Reno Meli ta' 44 sena bin Emmanuel u Josephine xebba Grech imwieled Pieta' u residenti 'Meli' Triq San Gabriele, Balzan -- numru ta' karta ta' identita' 433157 (M).

Akkuzati talli:

1. ghall-habta tan-nofs siegha tad- 29 ta' Mejju 2002 gewwa Hal-Qormi volontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Domenico Ellul u dan skond kif iccertifika t-tabib David Fenech MD tal-Floriana Health Centre ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-imsemmija persuna sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

3. fl-istess data, hin u lok kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma konsegwenti ghall-argument li gara' fid- 29 ta' Mejju tas-sena l-ohra. Mhux Kontestat li kien argument isolat u presumibilment frott tal-interperanza u nuqqas ta' konsiderazzjoni li sfortunatament timmanifesta ruhha f'xi mumenti.

Fil-fatt l-incident per kien wiehed trivajali li ddigenera aktar minhabba misinterpretazzjoni tal-fatti milli minn xi animosita'. Irrispettivament, pero', x'kienet ir-ragunii kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-fatti 'l fuq minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi mill-provi prodotti l-unika haga certa huma l-feriti li sofra l-kwerelant. Dawn gew hekk deskritti mit-tabib li

mmedikah gewwa l-poliklinika tal-Floriana li stqarr li kien jikkonsistu:

1. minn ferita maqgtugha twila centimetru fuq in-naha tan-nofs u ta’ fuq tal-mohh;

2. minn ferita ta’ forma ovali f’id il-leminija in-naha tas-sebgha iz-zghir, b’marki tas-snien fiha;

3. minn ferita ossija hmura fin-naha tal-minkeb tal-lemin;

4. minn ferita ossija hmura ohra fuq in-naha ta’ quddiem tal-ghonq.

Illi mill-feriti riportati hija biss l-ewwel ferita li t-tabib ikklassifika bhala gravi billi, fi kliemu, ‘thalli marka fil-wicc’. F’dan il-kuntest din il-Qorti, kif riportat minn verbal taghha tal- 3l ta’ Ottubru 2002, jigifieri hames xhur wara l-incident, setghet tara de visu illi l-ferita kienet ‘visibbli ftit jew xejn’.

Illi minn hawn ‘il-quddiem u biex ireggu l-akkuzi kontra l-imputat l-prosekuzzjoni kellha tipprova li kein proprju l-imputat li kkaguna l-imsemmija feriti. Il-provi f’dan ir-rigward huma kontrastanti u fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-massima in dubbio pro reo.

Illi ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi fin-nuqqas ta’ provi bizzejjed li jnisslu imqar konvincement morali f’din il-Qorti, l-istess Qorti qeghdha konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull akkuza kontrih dedotta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------